MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 696/2007

**Saviour Farrugia, bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni TeleMalta**
**Vs**
**Raymond Debono (326156M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha is-socjeta’ rikorrenti GO p.l.c. ippremettiet:

Ili l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru 1339/94 FGC) giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta’ April 1995, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas il-GO p.l.c. s-somma ta' Lm1911.30 (elf, disa' mija u hdax-il Lira Maltin u tletin centezmu) ekwivalenti ghal €4452.13 (erbat elef, erba' mija, tnejn u hamsin Euro u tlettax-il centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 243934;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm151.74 (mija, wiehed u hamsin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu) ekwivalenti ghal €353.46 (tlett mija, tlieta u hamsin Euro u sitta w erbghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm1860.33 (elf, tmien mija u sittin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu) ekwivalenti ghal €4333.40 (erbat elef, tlett mija, tlieta u tletin Euro u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-21 t'April 1995 sal-21 ta' Gunju 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm3923.37 (tlett elef, disa' mija, tlieta u ghoxrin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu) ekwivalenti ghal €9138.99 (disat elef, mija, tmienja u tletin Euro u disgha u disghin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ rikorrenti ghaldaqstant ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat notifikat ma ipprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa’ t-talba tal-istess socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------